SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 23/K7/13**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 03/12/'13 306**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 31/12/'13 361**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 19/11/'13 19**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru 2013.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.30 p.m.

1.03 Preżenti:
Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Assenti: (2)
- Il-Kunsillier Richard Scicluna
- Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli

1.05 Skużati (1) - Il-Kunsillier Anthony Grech (inc.ref. 6486/13)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-27 ta' Novembru 2013. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Attivitajiet tal-Milied
4. Performance Bonus
5. Approvazzjoni ta' Pagamenti
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 21/K7/13 u 22/K7/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 21/K7/13 u 22/K7/13.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Ma ġewx ippreżentati minuti tal-Kumitat Amministrattiv Paceville peress li l-laqgħa tal-Kumitat għal dan ix-xahar ser issir l-Erbgħa' 4 ta' Diċembru 2013.

1.3.06 Il-Kunsillier John Agius wasal fit-2.45p.m.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 5149 | Ittra mingħand is-Sinjura Doris Micallef rigward it-tindif tal-Millenium Chapel. |
| 6023 | Email mingħand il-Bord tal-Governanza bid-deċiżjoni tagħhom dwar l-Proġett Dar tal-Anzjani, Parkeġġ u Uffiċċji Ġodda tal-Kunsill. |

6055 Email mingħand il-ġurnalist Jurgen Balzan b'mistoqsijiet dwar il-każ tal-Proġett tad-Dar tal-Anzjani, Parkeġġ u Uffiċċji Ġodda tal-Kunsill wara li nħareġ ir-rapport tal-Bord tal-Governanza.

6207 & 6208 Korrispondenza mingħand il-Waste Collection Ltd dwar tqegħid ta' skips għall-użu tal-kenniesa.

6261 Email mingħand il-GreenMT b'risposta ghal ilment dwar il-ġbir ta' skart riċiklabbli.

6293 Email mingħand Noel Castillo rigward l-*invoice* għal *filming* tal-Festa ta' Lapsi.

6305, 6315 & 6331 Korrispondenza mingħand il-Kunsilliera Irene Borg, Is-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Novembru 2013.

6309 Email mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-avviż fil-ġurnal *The Malta Independent* fir-rigward il-*Coffee Morning.*

6421 Korrispondenza rigward l-attivita' Kunsilly 2013.

6469 Ittra mingħand is-Sinjura Marisa Micallef dwar ir-riżenja tagħha.

6486 Email mingħand il-Kunsillier Anthony Grech rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħat ta' Novembru u Diċembru 2013.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif Nru. 6023**

2.02 Saret riferenza għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Governanza dwar l-Espressjoni ta' Interess għall-Proġett tad-Dar ta' l-Anzjani, Uffiċċju Amministrattiv ġdid għall-Kunsill u Parkeġġ Pubbliku. Hawnhekk iċ-Ċermen għarraf lill-Kunsill li jirriżerva kull dritt li jirrispondi fuq bażi personali.

2.03 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

2.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li fil-laqgħa ta' Jannar 2014 titqiegħed item fuq l-aġenda biex jiġi diskuss il-'way forward' tal-proġett tad-Dar ta' l-Anzjani, Ufficcju Amministrattiv Ġdid għall-Kunsill u Parkeġġ Pubbliku u li qabel tintgħalab laqgħa mal-Ministru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali l-Onor. Marie Louise Coleiro Preca, mas-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva' l-Onor Franco Mercieca u mas-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali l-Onor. Jose Herrera,

2.05 **Rif Nru. 6055**

Saret riferenza għall-email mingħand il-ġurnalist Jurgen Balzan b' mistoqsijiet rigward il-Proġett tad-Dar ta' l-Anzjani, Parkeġġ u Uffiċċji Ġodda tal-Kunsill, wara li nħareġ ir-rapport tal-Bord tal-Governanza. Ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat li fiċ-ċirkustanżi l-Kunsill m'għandux kummenti x'jgħaddi.

2.06 **Rif Nru. 6207 & 6208**

B'riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Waste Collection Ltd dwar tqegħid ta' skips għal użu tal-kenniesa, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta minħabba li mad-dawra ta' dawn l-iskips jibda jintefa' aktar skart domestiku.

2.07 **Rif Nru. 6261**

Saret riferenza għall-email mingħand il-GreenMT b'risposta għal ilment dwar il-ġbir ta' skart riċiklabbli. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaċċettax is-suġġeriment tal-Green MT li jinbidel il-kuntrattur preżenti.

2.08 **Rif Nru. 6293**

Fir-rigward l-email mingħand is-Sur Noel Castillo rigward l-Invoice, ta' JONI Nru. KSG 17/13 datata 6 ta' Lulju 2013, għall-filming tal-Festa ta' Lapsi, ġie deċiż unanimament li din l-invoice tingħata lis-Sindku biex jgħaddiha lis-Sur Robert Camilleri tal-Fotoclassic u li l-Kunsill ma jhallasiex.

2.09 **Rif Nru. 6305, 6315, 6331**

Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Kunsilliera Irene Borg, Is-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Novembru 2013. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li jitniżżlu skużati.

2.10 **Rif Nru. 6421**

Saret riferenza għall-korrispondenza rigward l-attivita' Kunsilly 2013. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill dak inhar jagħlaq fil-11.45p.m. sabiex l-istaff jattendi din l-attivita'.

2.11 **Rif Nru. 6469**

B'riferenza għall-korrispondenza mingħand is-Sinjura Marisa Micallef il-Kunsill ġie nfurmat li r-riżenja ġiet irtirata.

2.12 **Rif Nru. 6486**

Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Anthony Grech rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħat ta' Novembru u Diċembru 2013. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li jkun skużat.

**3. Attivitajiet tal-Milied**

3.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bl-iskedi tal-kwotazzjonijiet b'konnessjoni mal-ħarġa ta' l-anzjani. (Ara Appendiċi 'A ' u 'B').

3.02 Fir-rigward fejn ser issr l-attivita', il-Kunsillier Alex Grech ppropona li tingħażel il-kwotazzjoni tal-Paradise Bay Resort Hotel peress li hija l-aktar wahda vantaġġjuża.

3.03 Il-Vici Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05 Fir-rigward it-trasport, il-Kunsillier Alex Grech ppropona li tingħazel l-offerta tal-Paramount Coaches peress li l-offerta tagħhom hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

3.06 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.08 Ġie deċiż unanimament li jkun hemm tlett coaches waħda li titlaq minn Spinola u t-tnejn l-oħra li jitilqu minn Ta' Ġiorni.

3.09 Ġie deċiż unanimament li l-ikla tal-Kunsill għal żmien il-festi tal-Milied issir f'Jannar 2014. Dettalji jingħataw aktar tard.

**4. Performance Bonus**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irrakomandat li l-iskrivani jingħataw il-massimu tal-performance bonus.

4.02 Iċ-Ċermen ressaq il-'performance appraisal' tas-Segretarju Eżekuttiv għall-attenzjoni tal-Kunsill u rrakomanda li tingħata l-massimu tal-performance bonus.

4.03 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-massimu tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-iskrivani (Ara Appendiċi 'C').

4.04 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06 Is-Segretarju Eżekuttiv, f'isimha u f'isem l-iskrivani rringrazzjat lill-Kunsill.

**5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

5.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Ic-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3497 sa 3514 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni li nħarġet il-'works order' għall-Request Sheets Nri. 3501, 3503 u 3504 filwaqt li l-oħrajn ser jinżammu 'on hold' sakemm jibda l-budget tas-sena d-dieħla.

6.03 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3497 sa 3514 għal meta jkun hemm il-finazjament.

6.04 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

6.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.06 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**7 Materji Oħra**

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li :-

a) Għadu ma nstab ħadd biex ikun Ambaxxatur tal-Kunsill.

b) Il-Kunsill irċieva appell b'konnesjoni mat-*tender ta' l-accountancy services* u għaddejin il-proċeduri.

c) Rigward il-Festa ta' Lapsi, il-Kunsill reġa' applika għall-finanzjament permezz ta' Memo 25/2013.

d) Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 30 ta' Jannar 2014 fis-2.30p.m.

7.02 Il-laqgħa intemmet fl-3.45p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Ezekuttiv**